# Pawlu Aquilina

*Dr. Mark Said LL.D.*

L-isem ta' Pawlu Aquilina jibqa' marbut mar-raħal tagħna s-Siġġiewi. Kull min inzertah ħaj matul ħajtu jaf x'bniedem kien: karattru ħelu, umli, altruwista u fuq kollox studjuż. Jibqa' mfakkar għall-kontribut kbir li ta għat-tkattir tal-letteratura Maltija u kompla poġġa lis-Siġġiewi fuq il-mappa. Min ma nzertahx matul ħajtu huwa fid-dmir li jsir jaf min kien Pawlu Aquilina u jibqa' jgħożżu bil-qima għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Għalhekk, tajjeb li nagħtu daqqa t'għajn fuq fuq dwar kif dan il-personaġġ stabilixxa ruħu fil-Gżejjer Maltin u, fuq kollox, f'raħal twelidna. Huwa jagħmlilna ġieħ u aħna kburin bih.

## Pawlu Aquilina



**Imwieled:** 28 ta' Awwissu, 1929. Siġġiewi, Malta.

**Miet:** 29 ta' Jannar, 2009 (fl-eta' ta' 79 sena). Sptar Mater Dei , Birkirkara, Malta.

**Xogħol:** Surmast Prinċipali, Poeta, Kittieb.

**Pawlu Aquilina** (Awwissu 28, 1929 – Jannar 29, 2009) kien poeta u kittieb Malti mis-Siġġiewi, Malta. Huwa studja fis-Seminarju tal-Arċisqof u fil-Kulleġġ għat-Taħriġ tal-Għalliema ta' San Mikiel.

Fl-1950 Aquilina beda l-karriera tiegħu fit-tagħlim fl-Iskejjel Primarji Governattivi Maltin sal- 1957 meta ġie maħtur kittieb mad-Dipartiment tal-Informazzjoni fit-Taqsima tax-Xandir Edukattiv. Fl-1959 huwa ġie maħtur Surmast tal-Malti fil-Liċeo. Fl-1978 laħaq surmast assistant u fl-1986 inħatar surmast. Irtira fl-1990.

Pawlu Aquilina kiteb bosta poeżiji u trattati, xandiriet għar-radju u bosta xandiriet edukattivi għat-tfal tal-iskola. Fuq talba tal-Provinċjal Ġiżwita, il-poeta Fr Ġuże Delia S.J., qaleb għall-Malti id-drama bil-versi storiċi-reliġjużi *El Divino Impaciente* mill-verżjoni Ngliża 'A Saint in

a Hurry' tal-poeta u kittieb Spanjol famuż José María Pemán. Xogħolijiet oħra ta' traduzzjoni: "St Vincent de Paule's Residence for the Elderly - The medico-social record", ta' Dr Paul Cassar, MD.BSc (Lond)., FRHist.S.(Lond)D.Litt.(Hon. Causa)(1994); "Il-ħobż Malti - Is-Sengħa tal-Furnar" ta' Monsieur Hubert Chiron (1994); "A Guide to the Passion - 100 Questions About the Passion of The Christ" tad-Diretturi ta' l-" Catholic Exchange" (2004).

Kien Editur Konġunt ma' Ġużè Diacono fl-edizzjoni riveduta tad-Dizzjunarju Ingliż-Malti (ħames volumi) ta' Dun Karm Psaila; (1991–1993).

Fl-1992 ippubblika siltiet mill-poeżiji tiegħu f'volum wieħed *Mill-Beraħ ta' l-Għelieqi.* Huwa rebaħ ħafna kompetizzjonijiet tal-letteratura.

Pawlu Aquilina miet Malta fid-29 ta' Jannar, 2009.

Fis-26 ta' Frar, 2012, ġie inawgurat mill-Eċċellenza Tiegħu Dott. George Abela, monument f'ġieħ Pawlu Aquilina fi Triq il-Fawwara, is-Siġġiewi.

## Xogħolijiet Prinċipali.

- *Mill-Beraħ ta' l-Għelieqi.* Ġabra ta' poeżiji miktuba mill-poeta bejn l-1946 u l-1991. Introduzzjoni studjuża mill- Professur Oliver Friggieri. Ippubblikat fl- 1992 minn Publishers Enterprises Group (PEG) Limited u sponsorjat minn Tug Malta Limited.

Pawlu Aquilina (1929) ħareġ il-ġabra ta' poeżiji Mill-Beraħ ta' l-Għelieqi. Fl-2006 ippubblika t-tieni ġabra ta' Poeżiji: ERĠA' SEMMAGĦLI L-GĦANJA .



- *L-Għanja Tiegħi lil Ħal Xluq.* Ippubblikat fl- 2002.
- *Hawn Twieldet u Tibqa' Tħabbat Qalbi.* Ġabra ta' kitbiet dwar raħal twelidu s-Siġġiewi. Introduzzjoni studjuża mill- Professur Mario Vassallo tad-Dipartiment tas-Soċjoloġija, Universita' ta' Malta. Ippubblikat fl- 2004 mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u sponsorjat minn Philip Agius & Sons Ltd.
- *Erġa' Semmagħli l-Għanja* – Ippubblikat fl- 2006. It-tieni ġabra ta' poeżiji. Il-ktieb kien sponsorjat u ppubblikat minn JM Vassallo Vibro Blocks Limited. Il-qligħ minn dan il-ktieb mar għad- Dar Tal-Providenza, dar karitatevoli u mhux kummerċjali għal tfal b'diversi diżabilitajiet.
- *L-Għanja Tiegħi lil Ħal Kbir* – 2008.
- *Is-Siġġiewi u t-Toroq Tiegħu* - 2009, Ippubblikat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Forsi dan l-inventarju u repertorju tax-xogħolijiet ta' Pawlu Aquilina jaf jidher żgħir u qasir. B'danakollu, hemm teżori u rikkezzi fihom. Id-diskussjoni tagħmel lill-bniedem ikollu moħħu ċar u miftuħ; il-meditazzjoni tagħmlu bniedem matur ħafna; il-qari tagħmlu bniedem sħiħ u komplet.

Mid-distrazzjonijiet kollha tal-ħajja, m'hemm xejn daqshekk xieraq sabiex timla l-ispazji vojta tagħha daqs il-qari tax-xogħolijiet t'awturi utli u divertenti bħal Pawlu Aquilina.

U l-aħjar tal-ktieb mhuwiex il-ħsieb li jkun fih, iżda l-ħsieb li iqajjem fina; l-istess bħal ma is-sbuħija tal-mużika ma tinstabx fin-noti imma fis-sentimenti u passjoni li jitqajmu f'qalbna!

Ejjew, mela, napprezzawhom u ngħixuhom dawn ix-xogħolijiet u mhux inħalluhom fuq l-ixkaffa jiġbru t-trab maż-żmien. Min jaf, forsi għad ikun hemm xi ħadd li lest jisponsorja l-ġabra f'volum wieħed ix-xogħolijiet kollha ta' Pawlu Aquilina. Forsi wkoll jibda jkun hemm ta' spiss xogħoljiet magħżula ta' Pawlu Aquilina biex jagħmlu parti mill-istudji f'livell sekondarju u terzjarju tal-edukazzjoni tal-istudenti t'għada. B'hekk, Pawlu Aquilina ma jintesa qatt maż-żmien!

**Referenzi u Ħajr lil:**

Dr Charles Briffa *Maltese Biographies of the Twentieth Century* PIN. 1997.

# Poeżiji

**_Profs. Joe Friggieri_**

## *Il-fjur tal-ġakaranda*

Mal-ilma tal-funtana
u l-kant tar-rużinjol,
mal-ħoss tar-riħ li jvenven
fil-frieghi tal-prinjol,
il-fjur tal-ġakaranda
jirtogħod bejn żewġ werqiet,
u jaqa' fil-ħamrija
bla ħoss ta' xejn, fis-skiet.

## *L-arloġġ*

Itektek itektek
l-arloġġ tal-vetrina
iqassam ħajjitna
fil-ġranet u x-xhur
għaddej bla ma jaħseb
xi jfisser għalina
u jibqa' jinkina
kull siegħa li ddur.